**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 1**

**It-Tnejn, 9 ta' Mejju 2022**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fis-2.30 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, is-Segretarju Parlamentari u Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. David Agius u l-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, informa lill-Kumitat illi l-ħsieb tal-Gvern kien li fis-seduti ta' dakinhar, it-Tlieta l-10 u l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2022 il-Kamra għandha tiddiskuti l-mozzjoni b'risposta għas-diskors tal-President ta' Malta. Huwa żied li bil-qbil tal-Kamra jistgħu jiżdiedu s-seduti allokati għal din id-diskussjoni.

L-Onor. Fearne informa lill-Kumitat ukoll li fis-seduta ta' dakinhar kien ser ikun qiegħed jitlob il-permess tal-Kamra sabiex iressaq abbozz mingħajr avviż li jemenda l-Att dwar il-Prokreazzjoni Assistita, li d-diskussjoni dwarha kienet maħsuba li tibda fil-ġimgħa ta' wara. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa informa lill-Kumitat illi kien ser jgaħddi draft tal-Abbozz lill-Oppożizzjoni.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor Byron Camilleri, informa lill-Kumitat illi dik il-ġimgħa kellhom jiġu ppubblikati numru ta' abbozzi li kien sar l-Ewwel Qari tagħhom fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2022 u li dawn kienu abbozzi li diġà kienu tressqu fil-leġiżlatura preċedenti iżda li ma laħqux saru Atti tal-Parlament qabel ix-xoljiment tat-13-il Leġiżlatura fi Frar 2022. Huwa żied li ma kien hemm l-ebda sekwenza ta' kif għandhom jiġu diskussi dawn l-abbozzi, iżda x-xewqa tiegħu kienet li jekk ikun possibbli dawn jiltilgħu għad-diskussjoni sa qabel il-ferjat tas-Sajf.

## AFFARIJIET OĦRA

### Indirizz lill-Kamra mill-President Ukren Volodymr Zelenskyy

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi kienu saru l-arranġamenti tekniċi sabiex il-President Ukren Volodymr Zelensky ikun jista' jindirizza l-Kamra fis-seduta tal-għada t-Tlieta, 10 ta' Mejju 2022. Huwa qal illi wara introduzzjoni mis-Sedja, il-President Ukren kellu jitkellem għal madwar 10 minuti, u wara għandu jkun hemm diskorsi mill-Prim Ministru u mill-Kap tal-Oppożizzjoni ta' mhux iktar minn ħames minuti. Huwa żied li d-diskorsi għandhom ikunu bl-Ingliż. Il-Kumitat qabel li din il-parti tas-seduta tkun trażmessa wkoll fuq l-istazzjon televiżiv tal-Parlament, u li fotografi jitħallew jidħlu fis-Sala għal din il-parti tas-Seduta.

Il-Kumitat qabel ukoll li l-iStrangers Gallery għandha tkun miftuħa għall-pubbliku bir-regoli normali japplikaw.

### Votazzjonijiet fil-Kamra

Il-Kumitat qabel li votazzjonijiet fil-Kamra għandhom jibqgħu jittieħdu b'mod elettroniku skont il-ftehim milħuq fl-2015, bil-votazzjoni tibqa' miftuħa għal minuta, kif sar fil-Leġiżlatura li għaddiet.

### Kompożizzjoni ta' kumitati u delegazzjonijiet parlamentari

L-Ispeaker fakkar lill-Kumitat illi jridu jiġu appuntati l-Membri fuq id-diversi kumitati permanenti tal-Kamra u delegazzjonijiet inter-parlamentari, u li għad irid jinħatar Viċi President tal-Kumitati.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni informa l-Kumitat illi huwa kien ser jgħaddi l-ismijiet tal-Membri min-naħa tal-Oppożizzjoni fis-seduta ta' dakinhar.

### Estimi tal-awtoritajiet u entitajiet

L-Ispeaker fakkar lill-Kumitat li sa Ġunju l-Kamra trid tapprova l-estimi tad-diversi awtoritajiet u entitajiet għas-sena 2022, u li ebda rapport jew estimi ma kienu għadhom ġew mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra sad-data li fiha ġie xolt il-Parlament fi Frar 2022.

B'żieda ma' dawn l-estimi, l-Ispeaker fakkar illi l-Kumitat kien fadallu jiddiskuti l-estimi għas-sena 2022 tal-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, liema estimi jridu jgħaddu wkoll permezz ta' mozzjoni fil-Kamra. Il-Kumitat qabel li l-Gvern u l-Oppożżizzjoni għandu jifthiemu dwar data meta kellha ssir din id-diskussjoni.

### Kondoljanzi – L-Ex Membru il-Prof. John Rizzo Naudi

Il-Kumitat qabel li l-kondoljanzi fil-Kamra tal-Ex Membru Parlamentari l-Prof. John Rizzo Naudi, li kien ġie nieqes f'April, għandhom isiru fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022.

**Donazzjoni tad-Demm**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi kif sar fi snin preċedenti mill-2015, sabiex tkun kommemorata l-mixja tal-Parlament lejn il-binja l-ġdida, kienet ser issir attività ta' donazzjoni ta' demm barra l-binja tal-Parlament fil-11 ta' Mejju 2022 bejn it-8.30 u l-11.30 ta' filgħodu. Huwa ħeġġeġ lill-Membri kollha jipparteċipaw f'din l-attività.

**Mozzjoni ta' Proċedura**

Il-Whip tal-Oppożizzjoni rrimarka illi fil-ġranet ta' qabel kellu diversi laqgħat informali mal-Whip tal-Gvern fejn ġie diskuss jekk wasalx iż-żmien li jiġu aġġornati l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, anke fid-dawl li hemm numru ta' mozzjonijiet ta' proċedura li jitressqu f'kull leġiżlatura. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qal illi n-naħa tal-Gvern hija lesta li tiddiskuti dan f'forum li jkun irid jiġi deċiż.

Il-Kumitat ħa nota li l-ftehim milħuq fil-Kamra fl-ewwel seduta jkopri l-ġranet u l-ħinijiet li fiha tiltaqa' l-Kamra, u dan sakemm ikun hemm mozzjoni ta' proċedura jew ftehim mod ieħor. Il-Kumitat qabel ukoll li s-seduti ta' dik il-ġimgħa kellhom jibdew fl-4.00 p.m. minkejja li ma kienx hemm mistoqsijiet parlamentari fuq l-aġenda, u l-ħin tad-diskorsi fuq il-mozzjoni b'risposta għall-indirizz tal-President għandhom ikunu ta' massimu ta' nofssiegħa.

Fit-3.06 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li kellha tkun ikkomunikata aktar tard.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**